DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 124/2018

tas-6 ta' Lulju 2018

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2021/186]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/136 tal-25 ta' Jannar 2018 li tinnomina laboratorju ta' referenza tal-UE għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer u li temenda l-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE f'dak li jirrigwarda l-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-marda vexxikulari tal-ħnieżer ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/136 tħassar, b'effett mill-1 ta' Jannar 2019, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/767/KE ([2]), li hija inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE b'effett mill-1 ta' Jannar 2019.

(3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar annimali ħajjin apparti ħut u annimali tal-akkwakultura u prodotti tal-annimali bħall-ova, l-embrijuni u s-semen. Il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna dawn il-kwistjonijiet ma għandhiex tapplika għall-Iżlanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Iżlanda.

(4) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tibqa' estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 9 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE) fil-Parti 3.1:

"— **32018 D 0136**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/136 tal-25 ta' Jannar 2018 (ĠU L 24, 27.1.2018, p. 3)."

2. L-inċiż li ġej jiżdied wara l-punt 47 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 415/2013) fil-Parti 3.2:

"48. **32018 D 0136**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/136 tal-25 ta' Jannar 2018 li tinnomina laboratorju ta' referenza tal-UE għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer u li temenda l-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE f'dak li jirrigwarda l-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-marda vexxikulari tal-ħnieżer (ĠU L 24, 27.1.2018, p. 3).

Dan l-att ma japplikax għall-Iżlanda."

([1]) ĠU L 24, 27.1.2018, p. 3.
([2]) ĠU L 337, 11.12.2012, p. 54.

3. It-test tal-punt 35 (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/767/UE) fil-Parti 3.2 għandu jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2019.

Artikolu 2

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/136 bil-lingwa Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Lulju 2018, bil-kundizzjoni li jkunu saru l-avviżi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Lulju 2018.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Oda Helen SLETNES

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.